MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Numru. 784/2007

PULIZIJA
SPETTUR EDEL M CAMILLERI
VS
GIUMA HAMID NOUREDDIN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giuma Hamid Noureddin, ta’ 27 sena, bin Giuma u Nadjmija, ta’ nazzjonalita’ Libjana, imwieled Tripoli fis-7 t’Awissu 1982, u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 202392/03, u residenti fic-Centru ta’ Akkomodazzjoni f’Ta’ Kandja, bin-numru tal-Pulizija 07AC-21, u akkuzat talli:
Telaq minn Malta taht ordni ta’ tnehhija datata 13 ta’ Dicembru 2006, jew ordni ta’ deportazzjoni, u minghajr ma talab permess biex jinzel l-art, u cioe’ nizel Malta wara t-13 ta’ Dicembru 2006, jew permess biex jinzel l-art u jibqa’ Malta, jew minghajr ma talab biex jinghata permess ghal residenza, minghajr ma ddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficjali Principali ta’ l-Immigrazzjoni din ic-cirkostanza.

U talli naqas li jaghmel dan, kull permess jew tali permess ta' residenza il nghatatlu jkun null u bla effett, minhabba biss dan in-nuqqas, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 24 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fil-31 t'Awissu 2007, u fi zmenijiet ta' wara f'Malta, ta falz lill-ufficjal pubbliku ismu jew kunjomu fost partikolaritajiet ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-20 ta' Settembru 2007 u fi zmenijiet ta' wara f'Malta, ingurja jew hedded, jew ipprovoka, jew ingurja b'mod li hareg mill-limiti ta' provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-20 ta' Settembru 2007, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-20 ta' Settembru 2007, ma obdiex l-ordni legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fil-15 ta' Settembru 2006 u fid-19 ta' Settembru 2007, ikkommetta zewg harbiet semplici, mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 5).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 24 tal-Kap 217, Artikoli 28A, 338(g), 338(dd), 339(e), 338(ee) u 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal disa’ xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-eta’ tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------